MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-3 ta' Dicembru, 2009

Rikors Numru. 45/2007

**Perit Joseph J. Xuereb u martu Dolores Xuereb**

**vs.**

**(1) Avukat Generali u**
**(2) Registratur tal-Qrati u Tribunali Civili**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ippresentat fl-24 ta' Lulju, 2007, li *in forza* tieghu r-rikorrenti, wara li ppremettew :

Illi fil-25 ta' Jannar 2007 ir-rikorrenti pprezentaw rikors kontra r-Registratur tal-Qorti fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili, li

kopja tieghu qieghda tigi hawn annessa bhala Dok. “R1”, li bih talbuha thassar it-taxxa mahruga mir-Registratur tal-Qorti a tenur ta’ l-Artikolu 64 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Illi r-rikorrent hallsu lir-Registratur tal-Qorti s-somma ta’ Lm39 mal-prezentata tar-rikors tieghu, id-dritt li gie ntaxxat mir-Registratur.

Illi r-rikors gie appuntat ghas-smigh ghat-8 ta’ Marzu 2007, u dan ad insaputa tar-rikorrenti.

Illi fit-8 ta’ Marzu 2007 ir-rikorrenti ma dehrux u lanqas id-difensur taghhom li ffirma r-rikors, u l-Onorabbli Qorti Civili Prim’Awla ordnat il-kancellament tal-kawza minn fuq il-lista, u dan a spejjez tar-rikorrenti.

Illi meta r-rikorrenti saru jafu b’dak li kien gara, kien ghadda z-zmien li fih il-ligi tippermetti li jigi pprezentat rikors biex il-kaz jerga’ jitqieghed fuq il-lista. Fil-fatt, ir-rikors taghhom ipprezentat fil-21 ta’ Mejju 2007 gie michud l-ghada stess, 22 ta’ Mejju 2007, “peress li tali rikors gie pprezentat tardivament”.

Illi ladarba r-rikorrenti ma gewx innotifikati bid-data tas-smigh, l-Onorabbli Qorti Civili Prim’Awla ma setghetx tordna l-kancellament tar-rikors. Tant dan hu hekk illi, f’sitwazzjoni analoga, l-artikolu 811 tal-Kap.12 jaghti d-dritt ghal ritrattazzjoni tal-kawza minhabba nuqqas ta’ notifika tal-parti.

Illi dak li gara jikkostitwixxi vjolazzjoni tad-dritt tar-rikorrenti ghal smigh xieraq fid-determinazzjoni tad-drittijiet u obbligi civili taghhom, liema dritt jinsab iggarantit bl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u bl-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea (Kap.319 tal-Ligijiet ta’ Malta).

Illi permezz ta’ ittra datata 5 ta’ Gunju 2007 ir-Registratur tal-Qrati pprova jgib bhala skuza l-fatt illi “l-Avukat tieghek [Dr Frank Cassar] gie notifikat kemm bir-risposta ta’ Dr. Hugh Peralta (20/02/07) kif ukoll bir-risposta ta’ Alexander Borg Olivier (20/02/07).” Qal ukoll “illi meta l-avukat

tieghek ipprezenta r-rikors fil-25 ta' Jannar 2007, huwa hallas notifiki ghal sitt minn nies u ghall-Qorti, bir-rizultat illi huwa qatt ma hallas ghan-notifika tieghek stess".

Illi dan ir-ragunament, apparti li huwa legalment zbaljat, ma jistax jigi accettat (a) ghaliex l-ammont ta' Lm39 li thallas mir-rikorrenti lir-Registratur tal-Qorti kien altru milli sufficjenti biex jassigura li tintbaghat notifika semplici lir-rikorrenti, tenut kont ta' l-importanza vitali li kull parti fi kwalunkwe kawza tkun notifikata; (b) Dr Frank Cassar innifsu ma kienx innotifikat, bhalma r-rikorrenti ma gewx innotifikati; (c) illi notifika b'risposta jew risposti pprezentata/i mill-kontroparti ma tammontax ghal notifika dwar id-data tas-smigh; (d) illi n-nuqqas ta' notifika jwassal ghal nullita` tal-proceduri.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, anke kieku kellu jigi kkunsidrat li kien hemm xi nuqqas jew nuqqasijiet da parti ta' Dr Frank Cassar, il-pregudizzju kkawzat lir-rikorrenti jikkostitwixxi *a disproportionate hindrance*, u dan skond il-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem.

Illi apparti minn dan kollu, l-impossibilita` li wiehed jikseb rimedju biex jissewwa dak li gara jikkostitwixxi vjolazzjoni tad-dritt tar-rikorrenti ghal rimedju effettiv, liema dritt jinsab iggarantit bl-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea (Kap.319).

Ghaldaqstant, ir-rikorrenti jitolbu bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha taghti dawk ir-rimedji kollha necessarji, taghmel dawk l-ordnijiet u tohrog dawk l-atti u taghti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex id-drittijiet fondamentali taghhom jigu protetti, billi tiddikjara li ghar-ragunijiet hawn fuq imfissra r-rikorrenti ma kellhomx smigh xieraq fil-proceduri civili Rikors Numru 83/07 RCP, u dan bi vjolazzjoni ta' l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u ta' l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem (Kap.319); kif ukoll illi kien hemm vjolazzjoni ta' l-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea (Kap.319) li jiggarantixxi d-dritt ghal rimedju effettiv. Bl-ispejjez.

Rat ir-risposta tal-intimat Avukat Generali, li *in forza* taghha espona illi:

1. Illi preliminarjament l-esponent mhux il-legittimu kontradittur ai termini ta’ l-artikolu 181B(2) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;
2. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, u kif ser jigi ppruvat waqt il-mori tal-kawza, ma kien hemm xejn irregolari fl-agir tal-intimat Registratur tal-Qorti Civili jew l-Onorabbli Qorti Civili li jwasslu ghall-allegat ksur tad-drittijiet fondamentali mertu ta’ dana ir-rikors;
3. Illi ghaldaqstant it-talbiet ghandhom jigu michuda.

Rat ir-risposta ta’ l-intimat Kevin Mahoney bhala Direttur, Qrati u Tribunali Civili, li *in forza* taghha espona illi:

1. Illi l-ewwel u qabel kollox, ir-rikorrent ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju stante illi l-persuna kontra min giet intavolata l-kawza odjerna, ossija ir-Registratur tal-Qrati Civili ma tesistix legalment, u dana kif ahjar deskritt fl-Avviz Legali 139 tal-2004, fejn dina tikkontempla l-posizzjoni ta’ Direttur, Qrati Civili u Tribunali li jwettaq id-dmirijiet ta’ Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali;
2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-azzjoni kostituzzjonali odjerna ghandha tigi michuda bl-ispejjez stante illi ir-rikorrenti ghadu ma ezawriex r-rimedji kollha ordinarji lilu moghtija mil-Ligi, u partikolarment dawk stabbiliti fl-artikolu 811 (b) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;
3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, hija responsabbilita’ tal-parti illi qieghda tintavola l-proceduri fil-Qorti illi tamministra l-kawza taghha u tassikura li titmexxa fl-ahjar interess taghha, u dana kif johrog car mill-artikoli 157 et seq tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta u nuqqas da parte taghha hija turija cara ta’ nuqqas ta’ interess fil-kawza taghha stess da parte taghha stess, u tali nuqqas ma jista qatt jigi accettat mill-Qrati ta’ Malta;
4. Salv eccezzjonijiet ohra;

Semghet lix-xhieda li gew prodotti;

Rat id-dokumenti esebiti, il-provi li tressqu u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti u dik ta' l-intimat Avukat Generali u rat in-nota ta' sottomissjonijiet ulterjuri tar-rikorrenti;

Rat illi l-intimat Registratur Qrati Civili u Tribunali ma pprezentax nota ta' sottomissjonijiet;

Rat illi r-rikors thalla ghallum ghal digriet;

Ikkunsidrat :

Illi xehed ir-rikorrenti il-Perit Xuereb u qal illi fil-25 ta' Jannar 2007 hu u martu kienu ipprezentaw rikors kontra r-Registratur tal-Qorti fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili fejn talbu li tithassar taxxa mahruga mir-Registratur tal-Qorti a tenur tal-Artikolu 64 tal-Kap. 12 u dakinhar kien hallas lir-Registratur tal-Qorti is-somma ta' disgha u tletin lira (LM39) mal-prezentata tar-rikors tieghu.  Ir-rikors gie appuntat ghas-smigh ghat-8 ta' Marzu, 2007, izda hu u martu ma gewx infurmati b'dan u ghalhekk ma attendewx u lanqas ma attenda d-difensur taghhom li kien iffirma ir-rikors u ghalhekk dakinhar il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ordnat il-kancellament tal-kawza minn fuq il-lista, u dan meta la ir-rikorrenti u lanqas martu ma kienu notifikati bid-data tas-smigh.  Ir-rikorrenti u martu gew ordnati jhallsu l-ispejjez tal-kawza li giet ikkancellata.  Meta saru jafu b'dan kien ghadda iz-zmien li tippermetti l-Ligi sabiex jigi ipprezentat rikors biex il-kaz jerga jitqieghed fuq il-lista. Fil-fatt meta saru jafu ipprezentaw rikors f'dan is-sens fil-21 ta' Mejju 2007 li gie michud l-ghada stess. Ir-rikorrenti xehed illi ipprezenta ir-rikors odjern peress illi dak li gara jikkostitwixxi vjolazzjoni tad-dritt tieghu u ta' martu ghal smigh xieraq; liema dritt huwa garantit bl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 (1) tal-Kap. 319.  Ir-rikorrenti kompla jixhed illi r-Registratur tal-Qorti kien wiegbu b'ittra tal-5 ta' Gunju, 2007 fejn qallu illi Dr Frank Cassar, l-avukat tieghu dak iz-zmien, kien gie notifikat bir-risposta ta' Dr Hugh Peralta u bir-risposta ta' Alexander Borg Olivier u illi meta l-avukat tieghu kien ipprezenta ir-rikors

fil-25 ta' Jannar, 2007 huwa hallas notifiki ghal sitta minn nies u ghal Qorti u ghalhekk qatt ma hallas ghan-notifika tieghu stess, izda ir-rikorrenti xehed illi l-ammont ta' disgha u tletin lira (LM39) kien sufficjenti sabiex jassigura li tintbaghat notifika semplici lilu u lill-martu. Huwa xehed illi Dr Frank Cassar ma kienx innotifikat, bhalma lanqas hu u martu ma kienux notifikati. Notifika b'risposta jew risposti ipprezentati mill-kontro-parti ma jammontawx ghan-notifika dwar id-data tas-smigh u n-nuqqas ta' notifika iwassal ghan-nullita tal-proceduri. Ir-rikorrenti xehed ukoll illi l-impossibbilita li jikseb rimedju biex jissewwa dak li gara jikkostitwixxi vjolazzjoni tad-dritt tieghu ghal rimedju effettiv, liema dritt jinsab iggarantit bl-Artikolu 13 tal-Kap. 319.

Illi r-rikorrenti xehed illi 15 il-gurnata qabel l-24 ta' Ottubru, 2007 irceva dokument illi mieghu kien hemm attaccjat voucher u cheque ta' ghaxar liri (LM10) illi huwa ghaddih lill-avukat tieghu. Dan id-dokument gie esebit a fol. 19 tal-process.

Ikkunsidrat :

Illi l-avukat difensur tal-intimat Registratur Qrati Civili u Tribunali iddikjara illi l-provi tieghu jinsabu kollha fil-process Rikors Nru 83/07 RCP peress li minn dan il-process jirrizultaw in-notifiki rikjesti u imhallsa lill-partijiet illi r-rikorrenti talbu illi ghandhom jigu innotifikati, u dan il-process jinsab allegat ma dawn il-proceduri.

Ikkunsidrat :

Illi d-dokumenti esebit mir-rikorrenti u illi jinsabu esebiti a fol. 19 tal-process jixhdu illi r-rikorrenti irceva Remittance Advice flimkien ma cheque relattiv fejn thallas minghand l-intimat Registratur Qrati u Tribunali Civili ghaxar liri Maltin (LM10) bhala rifuzzjoni ta' hlas zejjed li huwa kien ta' lir-Registratur Qrati Civili u Tribunali. Ir-rikorrenti jissottometti li din hija prova sufficjenti illi mal-prezentata tal-kawza ghar-ritassa kien efettivament sar hlas mir-rikorrenti ghan-notifika tieghu stess. Huwa issottometta wkoll illi apparti ghal dawn l-ghaxar liri Maltin (LM10) kien

hallas ukoll is-somma ta’ disgha u tletin lira lir-Registratur Qrati Civili u Tribunali sabiex isiru n-notifiki kollha relattivi. Madanakollu l-intimat Registratur Qrati Civili u Tribunali ma hax hsieb sabiex jinnotifika lir-rikorrenti stess bid-data tas-smigh tal-proceduri.

Illi r-rikorrenti issottometta wkoll illi sar zball mid-deputat registratur tal-Prim’Awla tal-Qorti Civili illi ma gibidx l-attenzjoni tal-Onorevoli Imhallef illi r-rikorrenti ma kienux innotifikati f’dawk il-proceduri u ta’ dan l-izball ghandu jirrispondi d-Direttur Qrati Civili u Tribunali.

Ikkunsidrat :

Illi minn ezami ta’ l-atti tar-rikors ritassa (83/07 RCP) jirrizulta illi r-rikorrenti qatt ma gew notifikati bl-avviz tas-smigh ta’ dan ir-rikors u dan il-fatt huwa inkontestat mill-intimat Avukat Generali.

Illi irrizulta wkoll illi fit-8 ta’ Marzu 2007 il-Prim’Awla tal-Qorti Civili ordnat il-kancellament tal-kawza minn fuq il-lista peress illi r-rikorrenti u d-difensuri taghhom imsejjhin diversi drabi ohra baqghu ma dehrux.

Ikkunsidrat :

Illi stabbiliti dawn il-fatti, il-Qorti sejra tghaddi sabiex tezamina l-eccezzjonijiet preliminari tal-intimati.

Ikkunsidrat :

Illi l-intimat Avukat Generali eccepixxa illi mhuwiex il-legittimu kontradittur ai termini tal-Artikolu 181B(2) tal-Kap. 12.

Illi l-Qorti rat illi l-Artikolu 181B(3) tal-Kap. 12 jaghmilha tassattiva illi l-Avukat Generali ghandu jigi notifikat f’kawzi bhal din odjerna u ghaldaqstant il-Qorti qeghda tichad din l-ewwel eccezzjoni tal-Avukat Generali.

Illi fir-rigward tal-intimat Registratur Qrati Civili u Tribunali, il-Qorti rat il-verbal tal-31 ta’ Lulju 2007 fejn l-avukat

difensur tal-intimat Registratur Qrati Civili u Tribunali irtira l-ewwel eccezzjoni tieghu u ghaldaqstant il-Qorti sejra tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' l-ewwel eccezzjoni tal-intimat Registratur Qrati Civili u Tribunali.

Ikkunsidrat :

Illi t-tieni eccezzjoni preliminari moghtija mill-intimat Registratur Qrati Civili u Tribunali hija fis-sens illi l-Qorti ghandha tichad ir-rikors kostituzzjonali bl-ispejjez peress illi r-rikorrenti ghandu ma ezawriex ir-rimedji kollha ordinarji moghtija lilu mill-Ligi u partikolarment dawk stabbiliti fl-Artikolu 811 (b) tal-Kap. 12.

Ikkunsidrat :

Illi f'dan ir-rigward il-Qorti rat is-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tas-7 ta' Marzu 1994 fl-ismijiet Dr Mario Vella vs Joseph Bannister nomine fejn il-Qorti kienet iddecidiet, inter alia, illi meta huwa car illi ma hemm ebda ordinarji disponibbli ghar-rikorrent biex ikollu rimedju ghad-dannu li qed jillamenta, bhala principju generali dawn ghandhom jigu adoperati, u ir-rikors ghall-organi gudizzjarji ta' natura kostituzzjonali ghandu isir wara li l-ordinarji jigu ezawriti jew meta ma humiex disponibbli.

Illi f'dan ir-rigward il-Qorti rat is-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tas-7 ta' Marzu 1994 fl-ismijiet Dr Mario Vella vs Joseph Bannister nomine fejn il-Qorti kienet iddecidiet inter alia li meta huwa car illi ma hemm ebda ordinarji disponibbli ghar-rikorrent biex ikollu rimedju ghad-dannu li qed jillamenta, bhala principju generali dawn ghandhom jigu adoperati, u ir-rikors ghall-organi gudizzjarji ta' natura kostituzzjonali ghandu jsir wara li l-ordinarji jigu ezawriti jew ma humiex disponibbli.

Ikkunsidrat :

Illi fil-kaz odjern, jirrizulta illi r-rimedji ordinarji mhumiex disponibbli u dana peress illi meta l-kawza tar-rikorrenti giet kancellata, effettivament ma kienx hemm kawza deciza b'sentenza moghtija fi grad ta' appell kif jghid l-

Artikolu 811 tal-Kap.12, u minkejja l-fatt li l-Artikolu 812 jikkontempla ir-ritrattazzjoni ta' kawza deciza b'sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Ewwel Grad u li ghaddiet in gudikat, fil-kaz odjern ma kien hemm l-ebda kawza deciza u lanqas sentenza li ghaddiet in gudikat u ghalhekk ghandu ragun ir-rikorrenti jghid illi s-subinciz (b) tal-artikolu 811 ma japplikax peress li dan jirrigwarda lill-parti telliefa u f'dan il-kaz il-kawza ma kienitx giet deciza, izda giet ikkancellata u ghalhekk ma jistax jinghad li xi hadd mill-partijiet rebah jew tilef il-kawza.

Ghaldaqstant fil-kaz odjern ir-rikorrenti ma setghux juzaw ir-rimedju tar-ritrattazzjoni u ghalhekk ghar-ragunijiet kollha fuq spejgati il-Qorti sejra tirrispingi wkoll it-tieni eccezzjoni tal-intimat Registratur Qrati Civili u Tribunali.

Ikkunsidrat :

Illi ghal dak illi jirrigwarda l-eccezzjonijiet fil-mertu moghtija mill-intimat Avukat Generali  u mill-intimat Registratur Qrati Civili u Tribunali, il-Qorti rat illi l-Artikolu 811 tal-Kap. 12 jaghti dritt ghar-ritrattazzjoni ta' kawza minhabba nuqqas ta' notifika tal-parti.

Illi fil-kaz odjern, kif diga intqal, ir-rikorrenti ma kienux gew notifikati bl-avviz tas-smigh tar-rikors li huma kienu pprezentaw ghar-ritassa u dan meta l-ligi tghid illi kellhom jigu notifikati b'dan l-avviz tas-smiegh (artikolu 182(2) tal-Kap. 12).

Illi bir-rispett kollu l-intimat Avukat Generali ma ghandux ragun jeccepixxi illi ma kien hemm xejn irregolari fl-agir tal-intimat Registratur Qrati Civili u Tribunali.

Illi jirrizulta illi kien <u>id-dmir</u> tal-intimat Registratur Qrati Civili u Tribunali illi jinnotifika lir-rikorrenti bl-avviz tas-smigh tal-kawza.

Illi f'dan ir-rigward il-Qorti rat sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tas-16 ta' Novembru 2004 fl-ismijiet Kummissarju tal-Artijiet vs Eddie Brincat fejn il-Qorti qalet illi kien il-kompitu tar-rikorrenti illi jassigura li n-notifiki rikjesti mill-Ligi jigu

segwitu jew ahjar ezegwiti, il-fatt illi r-rikorrent ma qdiex dan il-kompitu ma jgibx bhala konsegwenza illi ghandu jigi skartat dak illi jipprovdi l-Artikolu 182(2) tal-Kap. 12 u l-ewwel Qorti tippronunzja s-sentenza qabel ma jirrizulta illi r-rikorrent kien notifikat bl-avviz tas-smiegh. Kien hemm mizuri ohra illi setghet tiehu l-ewwel Qorti fic-cirkostanzi, bhal, per ezempju, illi tiddefferixxi l-kawza sine die, procedura illi setghet twassal ghad-dezerzjoni skond il-ligi tal-proceduri inizjati mir-rikorrent. Il-Qorti kompliet tghid illi m'hemmx dubbju illi mill-premess jirrizulta illi s-sentenza appellata ssofri minn difett ta' tali natura illi tippregudika l-jedd ta' smiegh xieraq tar-rikorrent appellant, difett illi jirrendi l-istess sentenza nulla ai termini ta' l-Artikolu 790 tal-Kap. 12.

Illi l-Qorti rat ukoll sentenza tal-Appell tas-27 ta' Gunju 2003 fl-ismijiet Matthew Hayes nomine vs Joseph Farrugia nomine fejn intqal illi notifika ghandha issir lill-parti u mhux lill-avukat taghha.

Illi ghalhekk u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija il-Qorti sejra tirrispingi wkoll it-tieni eccezzjoni tal-intimat Avukat Generali.

Ikkunsidrat :

Illi fir-rigward tat-tielet eccezzjoni tal-intimat Direttur Qrati Civili u Tribunali fis-sens illi kien ir-rikorrenti li kien responsabbli li jamministra l-kawza tieghu u jassikura li titmexxa fl-ahjar interess taghha u illi jekk ir-rikorrenti naqas milli jiehu interess fil-kawza tieghu stess, dan in-nuqqas ma jista qatt jigi accettatt mill-Qrati ta' Malta, din il-Qorti wara li terga taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet Kummissarju tal-Artijiet vs Eddie Brincat, rat illi ma kien hemm l-ebda nuqqas da parti tar-rikorrenti u li in-nuqqas kien htija tar-Registratur Qrati Civili u Tribunali illi naqas milli jinnotifika lir-rikorrenti bl-avviz tas-smigh tar-rikors u illi kien ukoll in-nuqqas tad-deputat registratur addett mal-Qorti illi ma gibidx l-attenzjoni tal-Imhallef sedenti illi ir-rikorrenti ma kienx notifikat bl-avviz tas-smigh tar-rikors, u ghalhekk il-Qorti qeghda tirrispingi wkoll it-

tielet eccezzjoni tal-intimat Registratur Qrati Civili u Tribunali.

Ikkunsidrat :

Illi fir-rigward tat-talbiet tar-rikorrenti, il-Qorti tara illi effettivament gie ippruvat illi r-rikorrenti ma inghatax smigh xieraq peress illi ma giex notifikat bl-avviz tas-smigh tar-rikors, ma attendix il-Qorti u lanqas ma attenda l-avukat difensur tieghu u illi minghajr ma kellu l-opportunita sabiex jinstema, il-Qorti ordnat il-kancellament tar-rikors.

Illi b'dak illi gara gie vjolat id-dritt tar-rikorrenti ghal smigh xieraq fid-determinazzjoni tad-drittijiet u obbligi civili taghhom; liema dritt huwa garantit bl-Artiukolu 6 (1) tal-Konvenzjoni Ewropeja (Kap. 316) (nahseb li trid tigi 319) u bl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

Illi l-Qorti Ewropeja ta' Strasbourg tat diversi sentenzi dwar vjolazzjoni tad-dritt tal-fair hearing u f'dan ir-rigward, a skanz ta' ripetizzjoni, il-Qorti tirreferi ghas-sentenzi kwotati mir-rikorrenti fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu a fol 29 ta' dan il-process.

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tiddeciedi dan ir-rikors kostituzzjonali billi filwaqt illi tichad l-eccezzjonijiet tal-intimat Avukat Generali u tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-intimat Registratur Qrati Civili u Tribunali, **<u>tilqa'</u>** it-talba tar-rikorrenti u tiddikjara illi r-rikorrenti ma kellhomx smigh xieraq fil-proceduri Civili rikors numru 83/07 RCP, u dan bi vjolazzjoni ta' l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u ta' l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem (Kap.319); u konsegwentement tordna li l-kawza ta' ritassa terga titqieghed fuq il-lista bhala kawza ghas-smigh mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili sabiex tinstema u tigi determinata skond il-Ligi.

Illi peress illi l-Qorti sabet il-ksur tad-dritt ghal smigh xieraq tar-rikorrenti ai termini tal-Artikolu 6 (1) tal-Kap. 319 u tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, qeghda tastjeni

milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba tar-rikorrenti ghal dikjarazzjoni ta' vjolazzjoni tad-dritt taghhom ghal rimedju effettiv ai termini tal-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropeja (Kap. 319);

Bl-ispejjez kontra l-intimat Registratur Qrati Civili u Tribunali.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------